FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 02 TA' FRAR 2016

Il-Pulizija

Spettur Jonathan Ransley

vs

Raymond Demicoli

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat detentur ta' karta tal-identita' 274055M akkuzat talli fix-xahar ta' Settembru 2015 u fix-xhur ta' qabel minn gewwa, l-Playmobil;

1. ikkometta serq minn go l-imsemmija fabbrika ghad-detriment tal-kumpanija Playmobil u/jew entitajiet ohra liema serq huwa aggravat bil-persuna u bil-valur liema serq ma' jeccedix is-somma ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);
2. sar recediv ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 261(c)(d), 279(a), 280(1) u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddeciedi: Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tqeghdu taht sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghal zmien tlett snin mill-lum,

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond il-Ligi.

A.M. Trigona

Magistrat